**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 15**

**Avviz Nru: 696/02AE**

**John's Garage Ltd**

**Vs**

**Clyde u Joanne Cauchi.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u erbgha u erbghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm244.25), skond kif obbligaw ruhhom li jaghmlu permezz ta' skrittura datata 31 ta' Awissu 2000 li biha intrabtu li jhallsu din is-somma kif fuq imsemmija ghall-kiri ta' karrozzi fl-okkazjoni taz-zwieg taghhom.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. John Buttigieg in rapprezentanza tas-socjeta attrici jirrinunzja ghall-meritu stante hlas fil-mori, b'dan li zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez gudizzjarji (mhux inkluzi d-drittijiet legali).

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.